**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Jannar 2024**

Rikors Numru: 619/23 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 1197/2008)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewwgu fi-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) gewwa Mellieha u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 1197/2008 hawn anness u mmarkat bhala Dok. JV1;

2. Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) hawn anness u mmarkat bhala Dok. JV2;

3. Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel bl-isem F D illi twieled fl-4 ta' Awissu 2017;

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Settembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxein (2022) u cioe ghal

5. aktar minn sena u dan skond il-kuntratt ta' separazzjoni klawsola erbgha (4) tal-preliminari;

6. Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;

7. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-intimat l-ewwel lok jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u cioe` li dina l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta' artikoli 66B, tal-Kap 16, Ligijiet ta' Malta;
2. Illi l-unika eccezzjoni li l-intimat ghandu x'jissorvola hija illi huwa m'ghandux ibati l-ispejjez tar-rikorrenti ta' dawn il-proceduri odjerni;
3. Illi in oltre, l-istess intimat qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu li jinsab hawn esebit u mmarkat bhala Dok. "KPL1"'
4. Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimat jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Qorti ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Novembru, 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Frar 2023 u *de facto* separati minn Settembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.